# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'

# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Rikors Numru 10/2022SG**

**Anthony Sant Fournier (I.D. 0943544M)**

**vs**

**Paul Borg (I.D. 1087547M) u Joseph Borg (I.D. 0866151M)**

**Illum, 23 ta' Jannar, 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru, 2022, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"I. ILLI l-esponent huwa l-proprjetarju ta' porzjoni diviza ta' art, ossija raba', tal-kejl ta' cirka sebgha u ghoxrin elf mitejn u disgha u erbghin metro kwadru (27,249m$^2$), maghrufa bhala "Tal-Ballut", gewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, li huwa kien akkwista permezz ta' kunrtatt fl-atti tan-Nuttar Dottor Paul Pullicino tal-25 ta' Octtubru 1966 (DOK: A);*

*II. ILLI l-esponent jikri, lill-intimati u ghal skopijiet agrikoli, cirka nofs l-imsemmija porzjoni diviza ta' raba', u dan versu l-qbiela ta' sittin Ewro (€60) fis-sena, pagabbli mill-intimati lill-esponent kull sena bil-quddiem;*

*III. ILLI, dan l-ahhar, l-esponent gie a konnoxxenza tal-fatt illi l-intimati;*
*a) Naqsu milli jaghmlu uzu u/jew ghamlu uzu hazin mir-raba' in kwistjoni;*

*b) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati wettqu diversi hsarat fl-istess raba';*

*c) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati, altrimenti, kisru l-kondizzjonijiet tal-krija de quo;*

*IV. ILLI s-suespost jikkostitwixxi ksur mill-aktar flagranti tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-esponent ghandu kull interess illi jipprotegi r-raba', proprjeta' tieghu;*

*V. ILLI, fil-fatt, l-intimati kienu jikru wkoll, ghal skopijiet agrikoli, art ossija raba', adjaventi ghal dik tal-esponent u, permezz ta' sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord nhar id-29 t'Ottubru 2020, fl-ismijiet Eileen Busietta vs Paul u Joseph ahwa Borg (rikors numru 1/2020 SG) (DOK: B), is-sid tal-istess art adjaventi ottjeniet l-izgumbrament tal-istess intimati, fuq ammisjoni tal-intimati stess, abbazi tas-suespost;*

*VI. ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*GHALDAQSSTANT, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponent jitlob umilment u bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, jawtorizza lill-istess esponent sabiex jirriprendi l-pusses tal-art, ossija raba', maghrufha bhala "Tal-Ballut", gewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, minghand l-intimati, f'dak iz-zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa dan l-istess Onorabbi Bord ghal dan iskop, u dan taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha li dan l-istess Onorabbli Bord jista' jidhrulu li jkunu xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni u/jew ghall kumpens spettanti lill-esponent fil-konfront tal-intimati skond il-ligi."*

Ra r-rikors konġuntiv tal-partijiet ippreżentat fil-5 ta' Dicembru, 2022, fejn il-partijiet talbu lil dan il-Bord, sabiex jippronunzja sentenza finali fil-kawża odjerna

fit-termini tal-ftehim raġġunt bejn il-partijiet, liema ftehim għandu jifforma parti integrali mill-istess sentenza;

Ra li dan il-Bord laqa' din it-talba fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2022;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidra;**

Jirriżulta li ai termini tal-ftehim raġġunt bejn il-partijiet fl-24 ta' Novembru, 2022, il-partijiet qablu li l-kirja agrikola, preżentement viġenti bejniethom fir-rigward ta' raba' magħrufa bħala Tal-Ballut, ġewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, għandha titqies li ġiet xolta u terminata għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, b'effett mill-31 ta' Diċembru, 2022.

**Deċide**

**Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Bord qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, fis-sens li qed jawtorizza lill-istess rikorrenti, sabiex jirriprendu l-pussess tar-raba', magħrufa bħala Tal-Ballut, ġewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, mingħand l-intimati, ai termini tal-ftehim raġġunt bejn l-istess partijiet, fl-24 ta' Novembru, 2022, liema ftehim għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur